KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti tat-tmienja u erbghin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar il-Hamis, 19 ta' Jannar, 2012 fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sinjura Amanda Abela | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u messaggi mis-Sindku

   - Attivita ta' Kant – il-Kunsil qabel li jidhol f'kollaborazzjoni mal-Kumitat tal-Football biex jorganizza attivita` ta' Kant fil-Kazin tal-Football aktar tard dan ix-xahar.

   - Ittra ta' rezenja mix-xoghol mill-iskrivan Sur Godwin Azzopardi.

   - Karnival Regjonali ghal-Ghawdex - l-attivitajiet ser isiru fir-Rabat mill-Gimgha 17 ta' Frar sat-Tlieta 21 ta' Frar, 2012.

   - *Soft ball sessions update* – is-sur Joseph Scicluna ta lis-Segretarju Ezekuttiv rendikont ta' dawn is-sessjonijiet li saru u stieden lil-Kunsill jattendi ghall-ahhar sessjoni nhar il-Hadd li gej. Is-Sur Scicluna ppropona li jsiru 12 il-sessjoni ohra ta' *soft ball* ghal-bniet, peress li s-sessjoni precidenti kienu ta' success. Il-Kunsill qabel ma dan peress li l-ispejjez ser ikunu minimi.

   - Gbir ta' Skart domestiku fil-kumpless ta' Misrah il-Fliegu – ilmenti mir-residenti biex il-Kunsill joffri gbir ta' skart domestiku b'xejn bhal ma jaghmel lil-kumplament tar-residenti. Is-Sindku spjega li wara diversi laqghat u diskussjonijiet mal-amministraturi u s-sid tal-kumpless, u wara laqgha mal-kuntratturi tal-iskart, gie deciz li waqt ix-xhur tax-xitwa r-residenti ta' Misrah il-Fliegu, li jammontaw ghal madwar sitt familji, johorgu l-iskart fuq il-bankina, u fix-xhur tas-sajf jibqghu ghaddejjin bil-kuntratt privat. Dan ghaliex il-kumpless fih 106 appartament, u m'hemmx post fejn l-iskart jigi poggut fuq barra, biex jingabar mill-kuntrattur tal-Kunsill. Il-Kunsill qed jippromovi li jirrciklaw aktar f'dak il-kumpless, billi ta pakketti *recycle bags* u inxtara *bin* fejn jigi poggut il-hgieg.

- Is-Sindku spjega kif dan ix-xahar saru l-applikazzjonijiet ghal-*Compliance Certificate* mal-MEPA, u applikazzjoni ghall-installazzjoni tad-dawl u l-ilma fic-Centru Civiku l-gdid.

- Sar it-thawwil ta' 30 sigra kif rikjest mill-MEPA rigward il-permess tac-Centru Civiku – dawn thawlu fil-gnien ta' fejn il-Monument tal-Gwerra b'koordinazzjoni mas-Sur Joseph Bonello mid-Dipartiment tal-Agrikultura.

- Risposta mill-KNPD rigward il-bieb tat-*toilets* – ir-risposta taghti permess li l-Kunsill jibda jopera fic-Centru Civiku bil-patt li l-bieb jitwessa sa 90cm fiz-zmien tlett snin u li l-Kunsill irid jikkomferma dan bil-miktub lill-KNPD. Is-Sindku spjega li s-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet din l-ittra fejn ikkonfermat li l-Kunsill ser jimxi ma' din il-kundizzjoni. Il-Kunsill iddecieda li jsir ix-xoghol mehtieg ghas-spejjez tal-perit tac-Centru Civiku Salvu Micallef.

- Pjazza Madonna ta' Loreto – is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv baghtet zewg *e-mails* lil Dun Eddie Zammit, fejn dan ikkonferma li l-ittra ghaddiha lil Isqof Grech pero sal-lum il-Kunsill kien ghadu ma hax risposta minn ghand l-Isqof. Ghalhekk, il-Kunsill iddecieda li ma johrogx stqarrija ghalissa izda ssir nota ta' klarifikazzjoni fuq in-*notice boards* tal-Pjazza u tal-Kunsill li l-pjazza ma taqax taht ir-responsabilita tal-Kunsill. In-nota tghid ukoll li skond il-ligi tal-Kunsilli Lokali ma jista jsir l-ebda manutenzjoni fuqha, inkluz tindif u dwal ghax din kienet propjeta privata tal-Knisja. Jitnizzel ukoll il-punt li ghalkemm il-Kunsill ipprova kemm il-darba jilhaq kompromess, sfortunatament ma kienx hemm rieda tajba minn nahha tal-Knisja.

- Is-Sindku qal li gew xi genituri jilmentaw li l-passagg li jaghti ghall-iskola jizloq. Dan il-passagg huwa propjeta tal-Kunsill, li jaghmel parti mic-Centru Civiku. Is-Sindku qal li kemm hu, kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv cemplu kemm il-darba lill Kuntrattur biex isib soluzzjoni ghal-dan immedjatament peress li hem mil-periklu ghat-tfal, fejn ga kien hemm min zelaq fix-xita. Is-sindku talab lill-kuntrattur certifikat li l-madum tal-passagg huwa grad R 11, skond l-*ispecifications* tat-tender. Il-kuntrattur ma setghax igib dan ic-certifikat u ghalhekk qabel li jaqla l-madum li hemm prezenti u jpoggi madum iehor, grad R 11 biex ma jkunx responsabbli huwa ghad-danni li jigri fil-futur. Dan ix-xoghol ser isir ghas-spejjez tal-Kuntrattur.

- Mepa – is-Sindku qara xi notifikamenti u *enforcements* li graw dan l-ahhar fir-rahal t'Ghajnsielem.

4. Konferenza stampa - Mixja tas-Slaten Magi

Is-Sindku qal li hu kien attenda ghal din l-konferenza li Hon. Chris Said kien sejjah fil-Belt Valletta fl-okkazzjoni mit-tluq tat-tlett Slaten Magi mill-Belt Valletta. Is-sur Peter Caruana spjega li din is-sena ma kienx kuntent dwar l-andament ta' kif mexa Bethlehem f'Ghajsnielem, specjalment dwar il-kummenti u taghrif li nghata fuq il-mezzi tax-xandir. Huwa kompla jghid kienet tal-misthija li f'din il-konferenza li s-Sindku taghna ma nghatax

spazju biex jghid kelmtejn fuq il-mezzi tax-xandir, meta dan kollu sehh bis-sahha tal-Kunsill Lokali t'Ghajnsielem. Is-Sindku qabel perfettament ma dak kollu li qal s-sur Caruana, fejn din is-sena l-isem tal-Kunsill ma nghatax l-mertu misthoqq ta' dan il-progett.

5. Centru Civiku

L-elezzjoni tal-Kunsill hija pjanata li issir nhar l-10 ta' Marzu, 2012. Il-Kunsill qabel li c-Centru Civiku jinfetah ufficcjalment nhar il-25 ta' Frar, 2012 fis-7.00pm. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu c-Centru Civiku ghandu jinfetah mil-Prim Ministru. Qamet diskussjoni fejn issemma l-punt prezenti tal-instabilita` fil-Parlament u li c-centru civiku jrid jinfetah madwar xahar iehor, il-Kunsill ma setghax jkun cert jekk li l-Prim Ministru jaccettax din l-istedina jew le. Hawn, is-sur Joe Camilleri ppropona li c-Centru Civiku ghandu jinfetah mill-Ministru Giovanna Debono bhala Ministru ghal-hawdex. Il-prezenti qablu ma dan.

L-istedin ghal-dan il-ftuh ghandu jkun ghal Ministru Onor. Chris Said, ghad-Direttur tal-Gvern Lokali, Deputati tal-Parlament Ghawdxin, Sindki Ghawdxin, President ghar-Regjun t'Ghawdex, ex-Kunsilliera u ex-Segretarji tal-Kunsill, Arcipriet t'Ghajnsielem, u President u Segretarju tal-Ghaqdiet tar-Rahal, Dr Louis Galea, is-sur Charles Farrugia mill-FFTS. lill-Kummissarju tal-Pulizija is-sur Joe Rizzo flimkien mas-Supretendent f'Ghawdex Simon Mifsud.

L-inskrizzjoni fuq plakka tal-irham ghandha tkun tinqara':

> Illum, 25 ta' Frar, 2012, Ftuh Ufficcjali tac-Centru Civiku t' Ghajnsielem mill-Ministru ghal-Ghawdex, l-Onor. Giovanna Debono, fil-prezenza tas-Sindku Francis Cauchi u l-Kunsilliera, Stephen Mercieca Vici Sindku, Larry Buttigieg, Joe Camilleri u Peter Caruana.

Il-Kunsill qabel li Lelio Spiteri jkun l-*compare* f'din is-serata. Il-Kunsill iddecieda li jkun hemm serata mill-Banda Muzikali San Guzepp qabel l-ftuh u jkun hemm ftit refreshments u drinks fic-Centru Civiku wara d-diskorsi u l-ftuh.

6. Zvilupp fuq l-Ghajn tal-Hasselin

Is-Sindku spjega kif fl-ahhar beda x-xoghol fuq l-Ghajn nhar it-Tlieta li ghaddiet. Huwa kompla jghid li llum l-arkeologista wara 3 ijiem ta' xoghol, waqqaf ix-xoghol biex jezamina il-gebel li nstab mill-Ghajn originali. L-arkeologista ser jibghat r-rapport tax-xoghol li sar s' issa llum stess lis-SCH. Is-Sindku ta l-informazzjoni kollha rikjesta lill-arkeologista, kif ukoll tah pjanta antika ta' kif kienet mibnija l-Ghajn biex jibghatha mar-rapport tieghu. Is-Sindku qal li fortunatament parti mid-dahar, gemb u parti zghira mil-faccata tal-Ghajn l-antika kienu ghadhom hemm u dawn ser jigu preservati. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif l-parti t-isfel tal-monument kella titkisser peress li kienet tal-konkos. Il-plakka ta' l-irham l-iggib l-isem tal-Pjazza kif ukoll l-arma tal-Granmastru Ramon Perellos li hi tal-gebel, inqalghu minn mall-monument u tpoggew fl-ufficcju tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li dan il-monument ser

jerga` jinbena tal-gebel kollu fuq l-istess disinn li kien u jitpoggew il-plakka u l-arma tal-monument l-antik. Dan ser isir mil-bennej li qala` l-monument. Il-Kunsill qabel ma dan.

7. *Clinic Couch*

Kwotazzjoni minn ghand Be Independent Ltd ta' *clinic couch* €295. Il-Kunsill approva dan.

8. Laqgha tal-Lokalita'

Il-Kunsill qabel li din issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Frar fic-Centru Civiku il-gdid fis-6.30pm. Din is-sena jinhareg avviz fuq il-bullettin ukoll.

9. *Performance bonus u leave* tal-impjegati

55 siegha ta' Godwin Azzopardi imgedda ghas-sena 2012 u 70 siegha ta' Joseph Ciantar imgedda ghas-sena 2012. Il-Kunsill approva dan. Rezoluzzjoni tal-*leave* tas-Segretarju Ezekuttiv ta' 95 siegha approvati mill-Kunsill.

Performance bonus tal-impjegati ta' 6% suggerita mis-Segretarju Ezekuttiv - il-Kunsill approva dan b'mod unanimu.

Performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv – is-Sindku hejja r-rapport fuq is-Segretarju Ezekuttiv u wara l-Kunsill b'mod unanimu approva dan il-bonus bir-rata ta' 10%

10. Tenders

Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li wara diskussjoni tal-Perit Godwin Sultana, irrizulta li l-offerti ghal-*office furniture* mitfuha ma lahqux l-kriterji tal-bzonn tal-Kunsill. Kien ghalhekk deciz li l-ahjar haga li ssir huwa li ma tintghazel l-ebda offerta, u jerga` jinhareg avviz iehor ghal-sejha t'offerti ta' *office furniture,* fejn din id-darba tintghalab l-ghamara specifika li ghandu bzonn il-kunsill. Il-kunsill qabel li tinhareg din is-sejha urgenti, ta' disa' t'ijiem. Ma dan l-avviz, ghandu jitnizzel ukoll sejha ghal-offerti ghal-provista ta' kcina, peress li l-ufficcju tac-centru civiku ser jinfetah fix-xahar li gej.

Is-segretarju Ezekuttiv spjegat li hija zaret il-kumpaniji li tefghu l-offerti taghhom ghal-provista ta' siggijiet u li kienu f'konformi tal-ispecifikazzjonijiet li kien hemm imnizzel fit-Tender. Hija kompliet tghid li hejjiet rapport fuq s-siggijiet, flimkien mal-Perit Godwin Sultana fejn indikaw fl-opinjoni taghhom liema huma l-ahjar ghazla. Il-kunsill approva dan ir-rapport u qabel li dawn is-siggijiet jigu ordnati.

11. Fuljett tal-Kunsill

Is-Sindku hu tal-fehma li wara erba snin f'din il-legizlatura huwa xieraq li l-Kunsill johrog fuljett bil-kulur tax-xoghol kollu li ghamel fir-rahal, fejn dan jitqassam f'kull dar

f'Ghajnsielem. F'dan il-fuljett jkun hemm introduzzjoni dwar ix-xoghol li wettaq il-Kunsill u fuq ix-xoghol propost ghal-gejjieni, ritratt tal-Kunsill Lokali prezenti fuq il-parti ta' wara, titnizzel ukoll l-istqarrija li l-Kunsill approva dwar il-Pjazza Madonna ta' Loreto u l-bqija jkun hemm hafna ritratti bi xi kumment fuqhom. Il-fuljett *draft* jintwera lill-Kunsilliera qabel jigi printjat. Il-Kunsill qabel ma dan.

12. Zebra Cross – Pjazza Madonn ta' Loreto

Is-sinku qara l-istima li hejja l-enginier Renzo Curmi rigward l-installazzjoni ta' dawl apposta li turi li hemm zebra crossing. Din l-istima telghet ghallammont ta €3,216.29. Il-kunsill huwa cert li din l-ispiza tonqos peress li hemm xi xogholijiet li jistghu jaghmluhom il-haddiema tal-Kunsill, izda approva li dan id-dawl isir mill-aktar fis possibli.

13. Customer Care

- Bozza fil-pjazzetta 10 ta' Dicembru – is-Sindku qal li dan il-fanal kien ordnat u wasal u ser jehel fix-xahar li gej mil-kuntrattur tad-dawl tal-Kunsill.
- *Handrail* mal-bankina tas-sur Toni Bugeja fi Triq Malta. Il-Kunsill qabel li dan ssir.

14. Materji ohra

Joe Camilleri

- xtaq li tidhol fl-Agenda l-punt fejn jigu riveduti l-minuti tal-passat – Is-Segretarju Ezekuttiv sqarret li dan ma jistax isir peress li l-minuti diga kienu gew approvati. Huwa ta ezempju fejn personalment qatt ma qabel mal-pjanta tac-Centru Civiku, izda dan m'hux imnizzel fil-minuti. Is-Sindku qal li l-MEPA kienet tat ordni biex il-faccata tac-Centru Civiku issir hekk u dan biex tkun f'konformi mal-faccata ta' l-iskola.
- Bozza quddiem il-Knisja tal-Lourdes – is-Sindku spjega li huwa siefer ghal-gimgha, fejn halla lis-Sur Joe Camilleri jiehu hsieb l-installazzjoni ta din il-bozza. Is-sur Camilleri spjega li l-kuntrattur, Richard Cauchi waqqaf ix-xoghol ghaliex dan qallu li jrid jistenna lis-Sindku biex jiehu decizzjoni fuq l-ispejjez biex din l-lampa tigi kkonetjata. Is-Sindku stqarr li l-bierah huwa mar fuq il-post u ra li kollox kien ghadu kif kien. Huwa cempel lil enginiera tal-Enemalta, fejn lahqu ftehim biex jehel arblu zghir iehor mil-Kunsill fejn il-*wires* ikunu jistghu jghaddu minn arblu ezistenti tal-Enemalta sal-*floodlight* il-gdida.
- Fanali Pjazza tad-Dehra – dejjem mitfijin. Il-Kunsill approva lis-Sur Joe Camilleri biex jiehu hsieb hu biex isib kuntrattur biex jaghti stima tax-xoghol u jkun jista jirrangahom u jibdew jixghelu.
- Bankina tat-Triq Sant' Antnin u water culvert fit-Triq Fawwara – is-Sindku qal li dawn ser isiru fil-xhur li gejjin.

- Dekorazzjoni tad-dawl tal-Milied fit-Triq Sant' Antnin – staqsa ghaliex ma sarux. Is-sur Camilleri qal li Fra Lorry mar ghad-dawl kif kien miftiehem mill-Kunsill, izda kieku haduhom riedu jidhlu fis-spiza ta' bozoz. Il-Kunsill approva li jaghti zewg dekorazzjonijiet tad-dawl lil-Patrijiet fejn jigu rrangati, u jzommuhom huma.

- ATM fic-Centru Civiku – is-Segretarju Ezekuttiv baghtet ittra lil-BOV izda il-kunsill ma rcieva l-ebda risposta. Hi kompliet tghid li verbalment il-*Branch Manager* tal-BOV qalilha li din ma tistax issir peress li l-ispejjez ta' ATM huma kbar hafna.

- Staqsa l-livell ta' responsabilita fuq l-Belvedere ta' Hamri Street peress li l-haddiema tal-Kunsill marru jizbghu l-bankijiet – is-Sindku rrisponda li l-manutenzjoni tal-Bankijiet dejjem il-Kunsill ghamilha.

- Isiru zewg monumenti (bust), wiehed tal-Kleru u iehor tal-Volontarjat – Camilleri stqarr li xi persuni qalulu li kien hemm xi fondi biex isiru dawn il-monumenti. Is-Segretarju Ezekuttiv stqarret li ser ticcekja mall-MEUSAC fuq dan.

- Staqsa jekk sarux xi laqghat mal-MEUSAC dawn l-ahhar sentejn – is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-emails bil-laqghat tal-MEUSAC dejjem jintbaghtu lil kull Kunsillier, u kulhadd kien mistieden li jattendi.

- Staqsa kemm hi l-Kera tad-Devoluzzjoni tac-Centru Civiku – Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li din kienet ta' €750 fis-sena.

- Bicca art ghal-football ground – Camilleri issuggerixxa l-art li tmiss ezatt mal-heliport – is-Sindku qal li dik taqa f'konfini max-Xewkija.

- Ritratti tal-premju gieh Ghajnselmiz – talab kopja tar-ritratt. Il-kunsill qabel li jsiru kopji ghal-kull kunsillier.

- Notice Board tal-Pjazza – jitnehhew l-karti imxarbin li hemm u ssir l-istqarrija tal-pjazza

- Ktejjeb tal-lokalitajiet sostenibbli – staqsa meta ser jitqassam fid-djar. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li qieghed ghal-*printing* u probabli ser jibda jitqassam sa hmistax ohra.

- Staqsa l-ispiza ta' Bethlehem 2011-2012 – is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li ghadu kmieni biex inkunu nafu l-ispiza. Il-Kunsill iddecieda li ssir laqgha mal-Fondazzjoni nhar il-Hamis 26 ta' Jannar, 2012 fil 5.00pm u fil-5.45 mal-ghaqdiet li kellhom parti minn Bethlehem f'Ghajnsielem fejn dawn ghandhom jaghtu randikont tad-dhul li ghamlu.

- Tender tal-bankijiet tal-Fondazzjoni – staqsa ghaliex kienu fuq in-notice board tal-Kunsill. Is-Sgretarju Ezekuttiv spjegat li l-fondazzjoni Betlehem f' Ghajnsielem juzaw l-Ufficcju tal-Kunsill bhala ufficcju taghhom.

- Tabella bl-isem tal-lokalita – is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li ghadha bla risposta mill-HSBC. Jekk jibqghu ma jirrispondux, nordnaw sticker bl-arma t'Ghajnsielem u tehel fuq it-tabella.

- Manutenzjoni tal-lampi – il-Kuntrattur qed idum aktar miz-zmien stipulat fil-kuntratt biex jirranga l-lampi irraportati mahruqin.

Stephen Mercieca

- Applikazzjoni ta' Bozza fit-Triq Dahla tal-Ghama – tehel bozza m'arblu ezistenti. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddecieda li jinforma lill-engineer Renzo Curmi biex ihejji l-applikazzjoni ma l-Enemalta.

Larry Buttigieg

- Sqaq fit-Triq Sant' Antnin ghandu problema li l-ilma tat-triq jaqleb ghal go dan is-sqaq – il-Kunsill qabel li peress li dan l-isqaq huwa privat ma jistax jsir xoghol mill-Kunsill go fih, pero meta l-Gvern Centrali jigi biex jirranga Triq Sant Antnin din tkun tista titbaxxa mil-livell taghha u b'hekk il-problema ta' l-ilma ghal go dan l-isqaq tissolva.

Peter Caruana

- Triq tax-Xatt, jizbru s-sigar ta' madwar in-nicca li hemm mas-sies ta' Triq l-Mgarr.

Il-laqgha ntemmet fit-5.00pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Hamis, 16 ta' Frar, 2012 fit-2.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Ezekuttiv